Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,275, 4 ta' Ottubru, 2019
Taqsima B

A.L. 260 tal-2019

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2019 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Financial Services – M.A. Fin. Serv. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Liġi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2019 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Financial Services – M.A. Fin. Serv. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Financial Services – M.A. Fin. Serv. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi, ippubblikati bħala Avviż Legali 320 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew minn Ottubru 2019 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Il-Kors huwa miftuħ għall-applikanti li għandhom:

(a) il-gradi ta' Doctor of Laws, Bachelor of Laws mill-anqas f'Kategorija II, Bachelor of Laws (Honours) mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew id-Diploma of Notary Public; jew

(b) grad ta' Bachelor miksub mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II f'waħda minn dawn l-oqsma ta' studju li ġejjin: l-Accountancy, il-Banking and Finance, l-Economics, jew l-Insurance; jew

(ċ) kwalifiki professjonali fl-Accountancy jew fl-Accountancy u l-Auditing rikonoxxuti mill-Università ta' Malta għal dan il-għan; jew

(d) grad mill-Università ta' Malta jew kwalifika professjonali minn xi istituzzjoni oħra rikonoxxuta f'qasam ta' studju li l-Bord iqis rilevanti, u komparabbli għall-kwalifiki indikati fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) ta' dan l-ordinament."